**ARB/C116/2025 – SEIZING AND FREEZING ORDER**

**IT IS BEING NOTIFIED** that by a decree dated 20th October, 2025 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr. Kevan Azzopardi LL.D.), with Compilation Number 9878/2025, in the case:

The Republic of Malta

Versus

**ERZSEBET KERTESZ**, 60 years, daughter of Walter and Erzsebet nee' Popovits born in Budapest, on the 8th May, 1965, without a fixed address in Malta and holder of a Hungarian Document bearing number 904686KE.

**The Court ORDERED** the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to **ERZSEBET KERTESZ** and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (*multa*) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six Euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 28th October, 2025

**Ms Eunice Grech Fiorini**
Director, Asset Recovery Bureau

**ARB/C116/2025 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR**

**IKUN JAF KULĦADD** illi b'digriet mogħti fit-20 ta' Ottubru, 2025 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi LL.D.), Kumpilazzjoni Numru 9878/2025, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

**ERZSEBET KERTESZ,** ta' 60 sena, bint Walter u Erzsebet xebba' Popovits, imwielda ġewwa Budapest, fit-8 ta' Mejju, 1965, mingħajr indirizz fiss f'Malta u detentura ta' dokument Ungeriż bin-numru 904686KE.

**Il-Qorti ORDNAT** is-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' **ERZSEBET KERTESZ** u pprojbietha milli tittrasferixxi, tagħti b'rahan, tipoteka jew xort'oħra tiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 28 ta' Ottubru, 2025

**Is-Sinjura Eunice Grech Fiorini**
Direttur, Ufficju għall-Irkupru tal-Assi